# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 19 ta' Frar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 63/2024 CL

**Christian Spiteri (KI nru:66001L) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Reno's Store Ironmangery**

**VERSUS**

**Robert Tabone (KI nru 43072M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-5 ta' Marzu 2024 fejn l-attur iddikjara illi l-konvenut hu debitur tieghu u talab illi jigi ordnat jhallas is-somma ta' erbat elef, seba' mija u tnejn u tlettin euro u tnax-il centezmu (€4,732.12), rapprezentanti materjal li kien ha l-konvenut a kont, fuq medda ta' diversi drabi minghand l-attur. Fil-fatt il-konvenut kien ipprezenta ruhu bhala rapprezentant tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Pembroke u kien fetah kont ghall-materjal li kellu bzonn biex jaghmlilhom ix-xoghol. Meta l-ammont telgha b'mod sostanzjali l-attur ghamel kuntatt mas-surmast tal-iskola li kien qallu li ma kienu saru ebda xogholijiet fl-iskola. Minkejja diversi tentattivi biex jikkomunika mal-konvenut hu baqa' inadempjenti.

Xehed Christian Spiteri fejn spjega li l-konvenut kien fetah kont ghal Skola Sport u kien beda jiehu l-materjal u fi ftit xhur l-ammont kien telgha mhux hazin. Kif talbu jaghmel xi hlas qallu li ser jibdew jinqatghu mill-Canteen tal-iskola u kif ghadda aktar zmien hu cempel lill-surmast li qallu li ma kien sar ebda xoghol. Rega' cempel lil konvenut li qallu li kien ghaddej minn zmien hazin u talbu biex jibda jhallas bil-pagamenti. Hallas total ta' €800 izda kien fadal l-ammont ta' €4,723.12.

Ra n-nota tal-konvenut Robert Tabone ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2025, li permezz taghha ammetta t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba.

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi kif diġa ġie senjalat spjegat hawn fuq, il-konvenut għażel li jammetti t-talba fil-konfront tieghu. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*" Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista' biss jilqa' t- talba.

Ili din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill- proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess attur is-somma ta' erbat elef, seba' mija u tnejn u tlettin euro u tnax-il centezmu (€4,732.12), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-5 ta' Marzu 2024[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data tal-preżentata tal-kawza odjerna